MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tas-6 ta' Frar, 2014

Numru. 887/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**DUNCAN CARUANA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Duncan Caruana ta’ 26 sena bin Joseph u Anna xebba Schembri imwieled il-Pieta' nhar l-10 ta' Gunju 1987, residenti gewwa 5, Triq Sant'Anna, Hal Tarxien u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 265087M

Gie akkuzat talli nhar is-17 t'Awwissu 2013 ghal habta tal-hamsa u ghoxrin ta' wara nofsinhar (17:20hrs) ghal gewwa pjazza Joann Garden, volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor mobbli jew imobbli u cioe ghamlet hsara fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni 'Jacqueline' ghad-dannu ta' Jacqueline Camilleri u/jew persuni ohra liema valur tal-hsara ma jecedix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69).

Aktar talli fl-istess data, hin u lok ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Saviour Caruana kif icertifikat Dr. Stephanie Frendo M.D Reg no:3223 mic-centru tas-sahha ta' Rahal Gdid.

Talli aktar fl-istess data, hin lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-kwiet u l-paci pubblika b'ghajjat u glied

B'hekk irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Ukoll talli naqas milli jhares xi wahda, w/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, Magistrat, Dr. M. Hayman LL.D. b'digriet datat 15 ta' Frar 2011, li permezz tieghu huwa nghata il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkomettix delitt iehor ta' natura volontarja;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija meta jidrilha xieraq sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta' Saviour Caruana u Dunstin Caruana jew sabiex jinzamm il-bonordni pubbliku, flimkien mal-piena torbot lil hatja b'obbligazzjoni taghha nnifsa taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti ai termini tal-artikolu 383 et seq tal-Kap 9.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhal Dok JV4 u nnutat li l-imputat Duncan Caruana m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tieni (2) akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li l-imputat ghandu problemi relatati ma’ abbuz mid-droga u konsegwentement umilment issuggerixxu li l-Qorti tpoggi lill-imputat taht Ordni ta’ Probation sabiex l-imputat ikun assistit jeghleb din il-problema u jkun evitat li jsiru reati simili.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu bi hsiebu li sal-10 tal-lejla ihallas dak kollu dovut lill-parte civile u cioe’ €140 u inoltre iddikjara li fil-kawza li hemm il-parte civile Saviour Caruana bhala akkuzat huwa ser jidher sabiex jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-istess Saviour Caruana.

Inoltre innutat li fl-istess Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Saviour Caruana iddikjara li qieghed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat kull fejn hu rinunzjabbli.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 49, 50, 325(1)(b), 338(dd) u 579 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti tiddikjara li wara li ezaminat l-atti processwali hi tal-fehma li f’dan il-kaz jissussistu ragunijiet li jiggustifikaw li l-Qorti tpoggi lill-imputat Duncan taht Ordni ta’ Probation u dan ghal fini li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta’ reati simili u li l-imputat ikun assistit jeghleb il-problemi relatati ma’ abbuz mid-droga.

Issib lill-imputat Duncan Caruana, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tieni akkuza migjuba kontra tieghu u tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li tpoggi lill-imputat Duncan Caurana taht Ordni ta’ Probation ghall-perjodu ta’ tlett (3) snin millum u kif diga’ intqal aktar qabel f’din is-Sentenza dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta’ reati simili u li l-imsemmi imputat jkun assistit jeghleb il-problemi relatati ma’ abbuz mid-droga u inoltre tikkundanna lill-istess imputat Duncan Caruana ghall-piena ta’ seba’ mija u hamsin Ewro (Ewro 750) multa.

Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat Duncan Caruana tiddikjara procediment esawrit stante Rinunzja mill-parte civile Saviour Caruana.

Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Duncan Caruana b’obbligazzjoni personali ta’ elf Ewro (Ewro 1000) li jzomm il-kwiet ma’ Saviour Caruana u sabiex izomm il-bonordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena millum.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma’ din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta’ kopja ta’ din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma’ din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Duncan Caruana.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Duncan Caruana kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat Duncan Caruana l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------